# Minuti tat-23 laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter's

It-tlieta u għoxrin laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter's saret nhar it-Tnejn, 6 ta' Frar, 2012. Il-laqgħa bdiet fis-6.15 ta' filgħaxija b'talba.

## Item 1 – Attendenza u Apoloġiji

Preżenti kienu l-Viċi-*Chairman* is-Sur Norman Clews, is-Sur Mario Bartolo, is-Sur Luciano Farrugia u s-Sur Joe Agius.

Iċ-*Chairperson* is-Sinjura Maria Elena Debattista kienet skużata.

## Item2 – Approvazzjoni tal-Minuti

Il-minuti tat-22 laqgħa ġew unanimanent approvati fuq proposta tas-Sur Bartolo li ġiet issekondata mis-Sur Clews.

## Item 3 – Mistoqsijiet u Affarijiet mill-Minuti

Is-Sur Farrugia staqsa jekk il-Korporazzjoni Enemalta kienetx tat dettalji ulterjuri dwar ix-xogħol li l-Korporazzjoni Enemalta trid tagħmel fi Triq il-Marżebb. Is-Segretarju qal li l-Kumitat kien għadu kif irċieva ittra mill-Korporazzjoni Enemalta fejn kienet qed tinforma lill-Kumitat li hemm il-ħsieb li jsir xi xogħol għas-*sub station* li hemm fi Triq San Leonardu u li din is-*sub station* tiġi trasferita għal sit ieħor fil-viċinanzi ta' Triq il-Profs JG Baldacchino. Fuq proposta tas-Sur Farrugia li ġiet issekondata mis-Sur Bartolo il-Kumitat qabel unanimament li jitlob laqgħa mal-Enġinier Alan Attard uffiċjal tal-Korporazzjoni Enemalta bil-għan li tinstab soluzzjoni li permezz tagħha jiġi evitat li Triq il-Marżebb ma terġax tiġi mkissra wara li tingħata t-tarmak.

## Item 4 – Korrispondenza

Tressaq l-abbozz finali tal-istemma uffiċjali tal-Kumitat Amministrattiv kif mibgħut mis-Sur Adrian Strickland. Fuq proposta tas-Sur Clews li ġiet issekondata mis-Sur Agius il-Kumitat approva unanimament din l-istemma.

Inqrat ittra mibgħuta mis-Sur Luke Spiteri dwar is-servizz provdut mill-kumpanija Arriva għar-residenti ta' St Peter's u dwar il-petizzjoni li saret mir-residenti ta' din iż-żona rigward nuqqasijiet fis-servizz tat-trasport pubbliku. Is-Sur Agius qal li kien mar personalment fid-djar tar-residenti iżda bħal ma jiġri dejjem, f'ċerti djar ma kien hemm ħadd. Għaldaqstant il-petizzjoni ffirmata minn madwar 400 resident ġiet ppreżentata lid-Deputati Parlamentari u lil dawk kollha konċernati.

Is-Segretarju ppreżenta lill-Kumitat kopja ta' rapport dwar il-kundizzjoni tal-*playing field* ta' Triq l-Għakrux li tħejja minn esperti tekniċi mqabbda mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

**<u>Item 5 – Xogħol tal-Kumitat</u>**

Għalkemm l-allokazzjoni kienet għadha mhux uffiċjalment magħrufa, fuq proposta tas-Sinjura Debattista li ġiet issekondata mis-Sur Bartolo, il-Kumitat approva unanimament l-abbozz tal-estimi annwali għas-sena 2012 biex dan jiġi ppreżentat lill-pubbliku fil-laqgħa annwali li ser issir nhar it-Tnejn, 27 ta' Frar, 2012.

Fuq proposta tas-Sur Clews li ġiet issekondata mis-Sur Farrugia l-Kumitat approva wkoll ir-rapport finanzjarju ta' kull kwart għall-perjodu Ottubru – Diċembru 2011.

**<u>Item 6 – Affarijiet Oħra</u>**

Is-Sur Bartolo ppropona li jsir xogħol ta' *patching* fi Triq in-Naħla. Is-Sur Farrugia ssekonda l-proposta tas-Sur Bartolo u l-Kumitat qabel unanimament li jsir dan ix-xogħol.

Dwar l-arblu perikoluż li hemm fi Triq in-Naħla is-Sur Bartolo qal li dan kien tneħħa u ġie imbiegħed kull periklu.

Rigward il-laqgħa mal-Ispettur tal-Pulizija, s-Sur Farrugia talab li din issir fl-iqsar żmien possibli.

Is-Sur Clews tkellem dwar inkonvenjenza li qed tinħoloq minħabba ġarr ta' materjal lejn l-impjant tat-trattament tad-drenaġġ f'Ta' Barkat limiti tax-Xgħajra. Is-Sur Clews qal li numru ta' trakkijiet qed jgħaddu minn Triq San Leonardu u r-riħa li toħroġ minn dawn it-trakkijiet qed tkun ta' detriment għal saħħet ir-residenti.

Is-Sur Bartolo semma l-possibilita` li ż-żgħażagħ ta' St Peter's jiġu mħeġġa jipparteċipaw fl-attivitajiet li jsiru mill-Kunsill Lokali Żgħażagħ ta' Ħaż-Żabbar.

Is-Sur Agius ippropona li jitwaħħlu bozoz ġodda fi Triq in-Naħla, Triq San Leonardu u Triq il-Profs JG Baldacchino minħabba nuqqas ta' dawl li hemm f'dawn it-toroq. Is-Sur Clews issekonda l-proposta tas-Sur Agius u l-Kumitat qabel unanimament li ssir talba għall-approvazzjoni lill-Korporazzjoni Enemalta biex jitwaħħlu bozoz ġodda f'dawn it-toroq.

Is-Sur Farrugia qali li kien tnaddaf l-ispazju li hemm wara l-garaxxijiet maġenb il-*playing field* u talab l-opinjoni tal-membri tal-Kumitat biex dan il-post jingħalaq biex ma jservix aktar ta' *dumping site*.

Is-Sur Agius talab li l-Kumitat jagħmel kuntatt mal-uffiċjali responsabbli fi Transport Malta biex tingħata risposta għat-talba li jitwaħħlu tabelli ta' *No Entry for Heavy Vehicles* f''din it-triq.

Il-laqgħa spiċċat fis-7.30 ta' filgħaxija.

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fl-erbgħa u għoxrin laqgħa li saret nhar l-Erbgħa, 29 ta' Frar 2012.

Norman Clews
Viċi *Chairman*